MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1588/2010

**Mobisle Communications Ltd C 24655**

**vs**

**Jean Pierre Camilleri ID 19785M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ Ottubru 2011, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €2138.20 (elfejn, mija u tmienja u tletin ewro u ghoxrin centezmu) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €2138.20 (elfejn, mija u tmienja u tletin ewro u ghoxrin centezmu) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------